**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' April, 2002**

**Numru 9**

**Avviz numru 359/01JR**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Martin Borg u martu Adriana Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fl-24 ta' Mejju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u seba' liri Maltin (Lm107.00), rappresentanti import ta' kambjali, debitament accettati, skaduti f'Jannar u Frar 1999 u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala Dokument A u B;**

**Bl-imghax mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala li sat-30 t'April, 2001, jammonta ghal wiehed u ghoxrin lira Maltija (Lm21.00), oltre l-imghax ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-2 ta' Lulju, 2001, fejn intqal:**

**Illi l-konvenuti jirrespingu t-talbiet tas-socjeta` attrici ghal dawn ir-ragunijiet:**

i. **peress illi t-talbiet ghall-hlas kienu intempestivi stante il-fatt li ma sarx protest ghal nuqqas ta' hlas tal-kambjali kif rikjest mill-Kodici tal-Kummerc;**

ii. **Illi l-konvenuti ma setghux ihallsu l-kambjali peress illi s-socjeta` attrici ma kkunsinjatx l-istess kambjali lilhom skond il-Kodici tal-Kummerc;**

iii. **Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq imsemmija il-konvenuti qeghdin jikkontestaw l-ammont mitlub peress illi huma ghamlu pagament ta' disgha u erbghin lira (Lm49.00) li jkopri kambjala wahda. Il-konvenuti nghataw ricevuta temporanja (Dok.A) ghall dan il-pagament;**

iv. **Il-konvenuti qieghdin jikkontestaw ukoll l-ammont ta' imghax mitlub peress li fil-fatt kambjala wahda kienet thallset u l-ammont ta' imghax mitlub jeccedi l-ghola rata permessa mill-Ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Adriana Borg u Marcel Avellino. Ha konjizzjoni tad-dokument esebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Il-kaz jirrigwarda hlas ta' bilanc minn zewg kambjali li skadew, wahda fl-1 ta' Jannar, 1999, u l-ohra fl-1 ta' Frar, 1999.**

2. **Il-konvenuti eccepew illi l-azzjoni kienet intempestiva peress illi l-kambajali ma gewx protestati. Il-fatt li l-kambjala ma gietx protestata ma jgibx mieghu l-intempestivita` ta' l-azzjoni. Kif ritenut mill-Qrati taghna:**

> **"Kwantu ghall-protest jidher li din il-formalita` ghalkemm utili fejn tista' tinqala kwistjoni li t-trattarju jew obbligat iehor kien ried ihallas, mhix formalita` essenzjali *sine qua non* ghall-azzjoni prezenti." (Av Dr Albert Ganado noe vs Av Dr George Dacoutros et noe – App.Kum. – 17.04.1989)**

3. **Dwar it-tieni eccezzjoni, kien fl-interess tal-konvenuti, u kien l-obbligu tas-socjeta` attrici li taghti lill-konvenuti l-kambjala li tkun thallset. L-attrici qed tghid li kien hemm okkazzjoni meta hallset**

**b'cash u ma nghatatx ricevuta. Is-socjeta` attrici qed tichad dan u issotni li dejjem inghataw ir-ricevuti. F'dan il-kuntest il-konvenuta esebiet id-Dok.A fejn hemm referenza ghall-kambjali numru 47 u 48, u li ghalihom gie allokat l-ammont ta' disgha u erbghin lira, kif jirrizulta mill-istess document. Ghalhekk kienu inqatghu ghoxrin lira (Lm20.00) fuq il-kambjala numru 48 u fuq dik baqa' bilanc ta' tmienja u hamsin lira Maltija (Lm58.00). Dwar il-kambjala numru 49 l-attrici ma ghandha ebda prova biex turi li sar il-pagament. Ghalhekk l-eccezzjoni sollevata ma hix sostenibbli, u t-talba attrici tidher gustifikata.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, t-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u seba' liri Maltin (Lm107.00) bl-imghaxijiet mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala, u bl-imghaxijiet ulterjuri.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**